MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1129/2001/1

**Dennis BURKE, Pierre Mattocks, u Noel Debattista, rispettivament bħala President, Segretarju, u Teżorier ta' Floriana Football Club u in rappreżentanza tal-istess**

**vs**

**Anthony GRECH SANT, u martu Mary *sive* Moira Grech Sant**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Ġunju, 2001, li bih l-atturi *nomine* ippremettew:

Illi b'Ċitazzjoni Numru 2237/00/JRM prezentata quddiem din il-Qorti fid-29 ta' Settembru 2000 fil-kawza fl-ismijiet inversi, l-konvenuti wara li ppremettew illi f'medda ta' diversi snin, l-atturi silfu u/jew avvanzaw lill-club direttament jew għall-benefiċċju tal-club konvenut diversi

ammont ta’ flus li komplessivament jammontaw għal wieħed u disgħin elf mija u sitta u disgħin lira maltin (Lm91,196) liema flus għadhom ma ġewx imħallsin lura, allavolja kien miftiehem li dawn il-flus ma ngħatawx b’titolu gratuwitu, illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenuti nterpellati permezz ta’ ittra uffiċċjali ta’ Ġunju 2000 sabiex iroddu lura dawn il-flus baqgħu inadempjenti; talbu lil din il-Qorti biex:

1. Tikkundanna lill-club konvenut sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta’ wieħed u disgħin elf mija u sitta u disgħin lira maltin (Lm91,196) flimkien mal-imgħaxijiet relattivi mill-1 ta’ Lulju, 2000;

Bl-ispejjez kontra l-club konvenut li minn issa huwa nġunt in subizzjoni;

Illi din il-kawza ġiet deċiza fid-29 ta’ Marzu 2001 bl-akkoljiment tat-talba attriċi fil-kontumaċja tal-istanti u kkundannathom iħallsu lill-atturi f’dik il-kawza s-somma ta’ wieħed u disgħin elf mija u sitta u disgħin lira maltin flimkien mal-imgħaxijiet relattivi mill-1 ta’ Lulju 2001, bl-ispejjez kontra l-club konvenut;

Illi l-att taċ-ċitazzjoni fuq imsemmi ma ġiex regolarment notifikat lill-istanti billi din ma ġietx notifikata lill-club konvenut kif messha ġiet notifikata ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi l-persuna msemmija fir-riferta tal-Purtier bħala l-persuna li f’idejha tħalliet il-kopja taċ-ċitazzjoni u tal-avviz tal-appuntament tal-kawza la qatt kienet fil-club konvenut fil-Floriana u lanqas qatt kienet fis-servizz tal-club jew prokuratriċi tal-club. Inoltre lanqas kienet persuna awtorizzata mill-club biex taċċetta jew tirċievi atti f’isem il-club;

Illi għaldaqstant in-notifika ma kienetx waħda regolari għar-raġuni li ma ġewx soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikoli 187 u 188 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi l-istanti saru jafu bid-deċizjoni profferita fil-konfront tal-club wara l-ħrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 1292/01 intavolat fit-3 ta' Mejju 2001;

Illi in bazi għal dawn il-fatti s-sentenza hawn impunjata hi soggetta għar-ritrattazzjoni ai termini tal-Artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 billi ċ-ċitazzjoni ma ġietx validament notifikata lil parti sokkombenti, u dan kif fuq espress;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet premessi:

1. Prevja r-revoka u tħassir tas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Grech Sant u martu Mary sive Moira Grech Sant vs Dennis Burke, Pierre Mattocks u Noel Debattista rispettivament bħala President, Segretarju u Tezorier ta' Floriana Football Club u in rapprezentanza tal-istess" (Ċitazzjoni Numru 2237/00/JRM) a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12;

2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza u tagħti dawk il-provvedimenti l-oħra neċessarji sabiex din il-kawza tiġi mismugħa u deċiza, u fil-meritu tiċħad it-talbiet kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni surreferit di fronte għall-istanti, bl-ispejjez kontra tagħhom, biex b'hekk tiġi amministrata l-gustizzja skond il-liġi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tal-11 ta' Mejju 2001 kontra l-konvenuti nġunti minn issa għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi *nomine* flimkien mal-affidavit u mad-dokument mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fis-27 ta' Settembru, 2001, li biha l-imħarrkin ritrattati miżżewġin Grech Sant eċċepew:

Preliminarjament l-atturi Burke, Mattocks u Debattista għandhom iġibu prova li huma President, Segretarju Tezorier tal-Floriana Football Club u li kienu jokkupaw tali

kariġi fil-mument li ċ-ċitazzjoni ġiet prezentata u fin-nuqqas, l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza bl-ispejjez kontra l-atturi;

Fit-tieni lok u mingħajr pregudizzju għall-premess u in linea sussidjarja, t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi n-notifika tal-att taċ-ċitazzjoni in kwistjoni kienet waħda valida għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin ritrattati;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-15 ta' Frar, 2002[1], li fih l-avukat tal-atturi *nomine* iddikjara li, għal dak li jirrigwarda l-provi, l-assoċjazzjoni sportiva attriċi toqgħod fuq id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur Burke u d-dokument mehmuż mal-att taċ-Ċitazzjoni;

Rat id-Degriet tagħha tal-15 ta' Frar, 2002, li bih ħatret bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha, biex tiġbor il-provi tal-imħarrkin ritrattati, lill-Avukat Dottor Maria Dolores Gauċi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-imsemmija Assistent Ġudizzjarju, u kif ukoll id-dokumenti mressqin minnhom waqt is-seduti miżmuma;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-Degrieti tagħha tat-23 ta' Mejju, 2002, u tas-27 ta' Settembru, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 26 tal-proċess

Illi din hija azzjoni ta' ritrattazzjoni ta' kawża maqtugħa. L-atturi *nomine* qegħdin jitolbu t-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid ta' kawża magħmula mill-imħarrkin ritrattati matul l-2000, u li nqatgħet fid-29 ta' Marzu, 2001. F'dik il-kawża[2], l-atturi *nomine* ġew kundannati jħallsu lill-miżżewġin Grech Sant is-somma ta' wieħed u disgħin elf mija u sitta u disgħin lira Maltin (Lm 91,196) mislufa mill-istess Grech Sant. Ir-raġuni li għaliha l-atturi *nomine* qegħdin jitlobu s-smigħ mill-ġdid hija li n-notifika li jidher li kienet saret lill-assoċjazzjoni sportiva mħarrka f'dik il-kawża ma tiswiex[3];

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin ritrattati laqgħu billi talbu lill-atturi *nomine* biex juru li, fiż-żmien li nfetħet din il-kawża, kellhom tassew il-karigi msemmijin minnhom fi ħdan l-assoċjazzjoni sportiva msemmija. Fil-mertu, qalu li n-notifika kienet tiswa, u li t-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża mhix mistħoqqa;

Illi l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 812 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jitkellem dwar kawża maqtugħa b'sentenza minn Qorti tal-ewwel grad li tkun saret ġudikat u ma tkunx appellata. F'każ bħal dan, il-liġi trid li jintwera li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ma jkunx jaf bil-kawża maqtugħa qabel ma jkun għalaq iż-żmien biex jitressaq appell mis-sentenza mogħtija;

Illi qabel ma wieħed jgħaddi għall-konsiderazzjoni tal-aspetti legali tat-talba u ta' din l-azzjoni, jidher xieraq li jissemmew xi <u>fatti ewlenin li jirriżultaw mill-proċess</u>. Il-miżżewġin Grech Sant fetħu kawża[4] kontra l-atturi tal-lum, fil-kwalita' tagħhom premessa, fid-29 ta' Settembru, 2000, biex jitolbu l-ħlas lura lilhom tas-somma hemm imsemmija. Mill-atti ta' dik il-kawża kien jidher[5] li l-imħarrkin kienu notifikati b'kopja tal-Att taċ-Ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ fit-3 ta' Jannar, 2001. Ma tressqet l-ebda Nota tal-Eċċezzjonijiet f'dik il-kawża. Ingħatat sentenza fid-29 ta' Marzu, 2001, li laqgħet it-talba tal-miżżewġin

[2] Ċitazz. Nru. 2237/00JRM, b'kopja tas-sentenza f'paġġ. 5 sa 7 tal-proċess
[3] Art. 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta
[4] Ċitazz. Nru. 2237/00JRM
[5] Paġ. 10 *tergo* tal-proċess tal-atti tal-kawża numru 2237/00JRM; u Dok "VA", f'paġ. 35 ta' dan il-proċess

Grech Sant. Fit-3 ta' Mejju, 2001, inħareġ Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fuq talba tal-miżżewġin Grech Sant kontra l-imħarrkin (l-atturi tal-lum). Fil-21 ta' Ġunju, 2001, infetħet il-kawża preżenti;

Illi jirriżulta[6] li filwaqt li l-indirizz reġistrat tal-Floriana Football Club huwa l-post numru tmienja u għoxrin (28) Triq Sant'Anna, Floriana, l-indirizz postali matul l-2000 kien muri bħala fil-post numru sebgħa u tmenin (87) Triq il-Kbira, Mosta. Minħabba l-bidliet li saru fil-kumitat tal-*club* kien hemm arranġamenti partikolari wkoll dwar fejn kellha tintbagħat il-posta indirizzata lill-istess assoċjazzjoni. Joħroġ minn xhieda wkoll[7] li ġieli saru laqgħat tal-Kumitat tal-Floriana Football Club kemm fil-lukanda ta' Ħal Balzan u wkoll f'post ieħor f'Buġibba u dan sewwasew minħabba l-esiġenzi ta' wħud mill-uffiċjali tal-istess *club;*

Illi l-atturi *nomine* jgħidu li kien biss meta rċevew il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv li saru jafu li kien hemm il-kawża u li din kienet inqatgħet kontra tagħhom. Minbarra dan, huma jgħidu li l-persuna li f'idejha tħallew l-atti tal-kawża la qatt kienet fil-post fejn suppost saret in-notifika u lanqas kellha s-setgħa jew l-awtorita' li tilqa' atti ġudizzjarji f'isem il-*club*. Min-naħa tagħha, Vivienne Xuereb, li skond ir-riferta tħallew l-atti tal-kawża f'idejha fl-indirizz mogħti fil-Floriana, tinsisti[8] li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-Floriana Football Club, fl-ebda ħin ma kienet fil-bini tal-imsemmi *club* fil-jum li fih suppost li saritilha n-notifika tal-atti, u li hija kienet taħdem f'lukanda ġewwa Ħal Balzan, fejn kien jaħdem ukoll l-attur Dennis Burke, li tiegħu l-imsemmija Xuereb kienet segretarja. Ċaħdet ukoll li qatt laqgħet għandha xi atti ġudizzjarji li jirreferu għall-Floriana Football Club[9];

Illi l-Marixxal Victor Aġius, min-naħa tiegħu, xehed[10] li hu ħalla l-atti tal-kawża f'idejn Vivienne Xuereb fil-lukanda f'Ħal Balzan u mhux fl-indirizz mogħti tal-Floriana. Qal li lil

[6] Dok "JG", f'paġ. 37 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Noel Debattista 15.3.2002, f'paġ. 58 tal-proċess; ta' David Rizzo 25.3.2002, f'paġġ. 91-2 tal-proċess; u ta' John Buttiġieġ 5.4.2002, f'paġġ.95-6 tal-proċess
[8] Affidavit tagħha 12.6.2001, Dok "B", f'paġ. 8 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Vivienne Xuereb 8.3.2002 f'paġ. 30A u 15.3.2002 f'paġġ. 52-3 tal-proċess
[10] 15.3.2002, f'paġġ. 49-51 tal-proċess

Burke kien innotifikah b'xi atti ġudizzjarji oħrajn f'dik il-lukanda ta' Ħal Balzan, bi qbil mal-istess Burke. Dan ġie konfermat ukoll mill-Marixxall Andrew Grixti[11], li kien oriġinarjament[12] mar biex jinnotifika l-atti tal-kawża fl-indirizz mogħti fil-Floriana, imma fejn l-atti ġew rifjutati minħabba li l-post ingħad li kien sedi ta' każin tal-banda u mhux tal-assoċjazzjoni sportiva. Il-Marixxall Aġius ftakar ukoll li, fit-3 ta' Jannar, 2001, kien ħalla ma' Vivienne Xuereb kopja tal-Att taċ-Ċitazzjoni u Avviż tas-Smigħ;

Illi irriżulta li l-attur Burke, wara miżuri dixxiplinari meħudin fil-konfront tiegħu mill-Malta Football Association, kien irtira mill-kariga ta' President tal-Floriana Football Club għall-ħabta ta' April tal-2001[13]. Sakemm damet is-sospensjoni tiegħu, ma kienx jista' jżomm il-kariga ta' President, u dan skond ma jipprovdi l-Istatut tal-Malta Football Association, li magħha l-Floriana Football Club huwa affiljat u li l-istatuti u r-regolamenti tagħha huwa jrid iħares. Kemm hu hekk, għat-tul taż-żmien l-attur Burke kien ġie sospiż, George Carbone ngħata l-ħatra ta' Aġent President tal-Floriana Football Club, liema ħatra baqa' jżomm sakemm intemm iż-żmien tas-sospensjoni ta' Burke[14]. Is-sospensjoni ta' Burke intemmet fl-4 t'Ottubru, 2001, wara li l-Bord tal-Appelli tal-Malta Football Association[15] kien naqqas iż-żmien tas-sospensjoni oriġinali mogħtija mill-Kummissarju Dixxiplinari f'April tal-2001[16];

Illi jirriżulta wkoll li l-istatut tal-Floriana Football Club[17] jipprovdi, fost l-oħrajn, li l-amministrazzjoni u l-poteri rappreżentattivi tal-*club* huma fdati fil-Kumitat Eżekuttiv[18], li huwa r-rappreżentant legali tal-*club*[19]. Huma s-Segretarju u l-President li jħaddnu r-rappreżentanza tal-għaqda fil-Qorti[20] jew quddiem korpi oħrajn. F'każ li l-President ma jkunx jista' jagħmel id-dmirijiet tiegħu għal xi

[11] Xhieda tiegħu 25.3.2002, f'paġġ. 88-90 tal-proċess
[12] Fit-2.11.2000, ara paġ. 7 tal-atti tal-kawża 2237/00JRM
[13] Xhieda ta' Joseph Gauċi 15.3.2002, f'paġ. 47-8 tal-proċess
[14] Xhieda ta' George Carbone 10.4.2002, f'paġġ. 112-3 tal-proċess
[15] Dok "JG4", f'paġ. 83 tal-proċess
[16] Dok "JG2", f'paġ. 78 tal-proċess
[17] Dokument f'paġġ. 121 sa 134 tal-proċess
[18] Taqsima 2(a)
[19] Taqsima 2(f)
[20] Taqsima 3(d)(viii)

raġuni, dawn jitwettqu mill-Viċi President, li għandu jassumi l-istess responsabbiltajiet u setgħat tal-President[21];

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali marbutin mal-każ preżenti, il-Qorti hija tal-fehma li hemm żewġ (2) oqsma li għandhom jiġu mistħarrġa. Fl-ewwel lok, (a) trid titqies l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin ritrattati; imbagħad (b) għandu jitqies jekk teżistix ir-raġuni maħsuba mil-liġi u speċifikata mill-atturi *nomine* biex il-Qorti tista' tordna s-smigħ mill-ġdid tal-kawża u t-tħassir tas-sentenza maqtugħa f'dik l-istanza. Dawn iż-żewġ oqsma jridu jitqiesu f'dik l-ordni, billi l-ewwel eċċezzjoni tammonta għal kwestjoni ta' leġittimita' tal-parti fil-kawża, li hija waħda ta' natura perentorja tal-ġudizzju u jeħtieġ, fil-kliem espress tal-liġi, li tiġi deċiża, b'kap għaliha, qabel jew flimkien mas-sentenza fil-mertu[22] ;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin ritrattati, irid jingħad li bħalma fil-kawża oriġinali l-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-miżżewġin Grech Sant kien il-Floriana Football Club (u mhux xi uffiċjali individwali fil-kwalita' personali tagħhom), hekk ukoll hija l-istess assoċjazzjoni sportiva li qegħda tressaq din l-istanza ta' ritrattazzjoni. Dan iġib miegħu l-ħtieġa li l-istess assoċjazzjoni tkun debitament rappreżentata fil-proċedimenti ġudizzjarji rilevanti, magħduda dawk tal-kawża preżenti. Il-liġi tipprovdi[23] li l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-persuna li tressaq kawża jew li tkun imħarrka f'isem jew fl-interess ta' ħaddieħor ma tistax tingħata kontra xi waħda mill-persuni li jirrappreżentaw persuna msemmija fl-artikolu 180(1)(a)[24]. Fost l-għadd ta' persuni jew enti li jissemmew f'dak l-artikolu, wieħed isib "aġent jew rappreżentant ta' soċjeta' oħra kostitwita skond il-liġi" li tinkludi kull soċjeta' li biex titwaqqaf ma teħtieġ l-ebda permess speċjali[25]. Minn tifsira bħal din joħroġ li jaqgħu taħt din il-kategorija dawk l-assoċjazzjonijiet

[21] Taqsima 3(e)
[22] Art. 730 tal-Kap 12
[23] Art. 786(1) tal-Kap 12
[24] Ara App. Ċiv **30.1.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ Grech pro et noe vs Cachia*** (Kollez. Vol: **LXXIII. ii.281)**
[25] Ara App. Kumm. **24.6.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia pro et vs Grech et noe*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.402**) u l-għadd ta' riferenzi hemm magħmula

imwettqa bi statut bħalma sewwasew huwa l-każ ta' Floriana Football Club;

Illi, min-naħa l-oħra, il-liġi tipprovdi li ma jiswiex dak l-att ġudizzjarju li jsir minn persuna inkapaċi li toqgħod f'kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għaldaqshekk[26]. Minbarra l-fatt li din id-dispożizzjoni tal-liġi tolqot fis-sħiħ l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin ritrattati, ċirkostanza bħal din tagħti setgħa lill-Qorti li tqanqal il-kwestjoni wkoll *ex ufficio*;

Illi għalhekk, sabiex jista' jingħad li l-artikolu 786(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jkun applikabbli, irid tabilfors jintwera li l-persuna li ressqet l-att ġudizzjarju (f'isem il-korp legali) tkun waħda li tkun tista' toqgħod f'kawża **u** li kienet debitament awtorizzata għal dak il-għan. Il-Qorti hija tal-fehma li, minn dak li ntwera mill-atti tal-kawża, Dennis Burke ma jissoddisfax dawn iż-żewġ kwalitajiet kumulativi, u dan prinċipalment minħabba li, fiż-żmien li tressqet iċ-ċitazzjoni, huwa mhux biss ma kienx debitament awtorizzat biex iressaq l-att u jaħlef id-Dikjarazzjoni mehmuża magħha, imma lanqas kien statutorjament jista' jidher fuq tali atti bħala l-President tal-*club* attur. Dan jingħad minħabba l-eżistenza tas-sanzjoni li l-Assoċjazzjoni lokali imponiet fuqu f'dak iż-żmien. Din iċ-ċaħda tolqot iż-żmien li fih tressqet iċ-Ċitazzjoni preżenti: ma kinitx tapplika fiż-żmien li fih ingħatat is-sentenza li tagħha intalab is-smigħ mill-ġdid;

Illi l-konsegwenza ta' dan is-sejbien hi li, allura, id-Dikjarazzjoni maħlufa mressqa mal-Att taċ-Ċitazzjoni ma tiswiex lanqas, billi, safejn tirrigwardaha, l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin ritrattati hija mistħoqqa. Peress li għas-siwi ta' Ċitazzjoni hija essenzjali, fost l-oħrajn, Dikjarazzjoni maħlufa li tiswa wkoll[27], l-effett loġiku daqskemm drastiku ta' din iċ-ċirkostanza jkun li ċ-Ċitazzjoni ma tiswiex[28]. In-nuqqas ta' dan il-kalibru huwa

---

[26] Art. 787(1) tal-Kap 12
[27] Art 156(3) tal-Kap 12
[28] Ara Kumm. C.S. **4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Paolo Cuschieri*** (mhix pubblikata) u App.Kumm. **9.1.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Kissaun noe vs Fenech noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.413**)

wieħed li jġib nullita' testwali kif maħsub fl-artikolu 789(1)(a) tal-Kap 12, u mhux sempliċi waħda virtwali[29];

Illi l-Qorti trid tistqarr li hija tħaddan il-fehma li, kemm jista' jkun, att ġudizzjarju għandu jiġi salvat. Hija wkoll il-fehma sħiħa tagħha li jekk kawża tista' tiġi sanata, dan tagħmlu fil-limiti li l-liġi tagħtiha s-setgħa li tagħmel dan. Iżda, fiċ-ċirkostanzi preżenti, n-nuqqas radikali fl-atti kostitutivi tal-kawża ma jagħtux is-setgħa lill-Qorti li tinjora dak li huwa minimament meħtieġ taħt il-pretest tal-prattiċita'. Li kieku kellu jsir hekk, jiġi ma jiswa xejn li l-leġislatur irid li d-Dikjarazzjoni maħlufa tkun element essenzjali ta' kull ċitazzjoni valida. Meta l-leġislatur juri fehma bħal din, din il-Qorti tkun l-ewwel waħda li tħaddan żvilupp bħal dan. Sadattant, il-Qorti hija marbuta bil-ħarsien tal-liġi;

Illi għalhekk, m'huwiex il-każ li issa wieħed jgħaddi biex jistħarreġ l-ilment tal-atturi *nomine* dwar is-smigħ mill-ġdid tal-kawża li s-sentenza tagħha huma qegħdin jitolbu t-tħassir tagħha, u dan peress li l-ewwel eċċezzjoni,li jitqies li hija mistħoqqa, "qatlet" il-ġudizzju;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrkin ritrattati miżżewġin Grech Sant, u tiddikjara li l-attur Dennis Burke ma kienx persuna li tista' titqies bħala kapaċi li jidher f'ġudizzju f'isem l-assoċjazzjoni attriċi, u għalhekk l-att taċ-ċitazzjoni ma jiswiex; u

**Teħles** għalhekk lill-imħarrkin miżżewġin Grech Sant milli jibqgħu fil-kawża, bl-ispejjeż kontra l-atturi *nomine*.

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[29] Ara P.A. MCC **14.5.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor H. Debono et vs Onor. Dr. Vincent Tabone et*** (mhix pubblikata), sentenza parzjali li tagħti tifsira dettaljata u studjata ta' din l-eċċezzjoni u l-effetti tagħha